Vant, oħrajn ġew min-Nord jew mill-Punent, oħrajn ġewna min-naħħa t'Isfel: fi kliem ieħor, pajjiżna kien maħkum minn popli li ġew mill-erba' naħħiet tiegħu. Minn ħaġa waħda aħna żguri, u din hi li l-ikbar sehem li għamel lill-poplu tagħna, mingħajr, dubju, kien ta' nisel mill-Ewropa; dan ħadd ma jista' jmerih għax ix-xbiha tagħna tressaq sewwa lejn popli oħra li qed jgħammru fl-Ewropa t'Isfel. Dak li baqa juri s-sehem li kellna x'naqsmu fl-imgħoddi mal-Vant huwa l-ilsien li bih nitkellmu. Mela nistgħu ngħidu li aħna l-werrieta ta' żewġ imkejjen kbar: l-Ewropa tagħtna l-ġensna, fil-ħin li l-Vant Qribi tagħna lsienna, żewġ ħwejjeġ mill-akbar li qatt dehru fid-dinja u li bihom għandna nitkabbru.

Għalhekk, il-poplu Malti huwa ġens maqtugħ għalih waħdu, u la hu Taljan u l-anqas Feniċju. *Ahna gens maghmul ma' tul il-milja ta' grajjetna* minn dawk li xi darba ħakmu f'pajjiżna. Mela jekk it-Taljani, il-Franċiżi, l-Ispanjoli, il-Griegi u popli oħra ta' ma' dwar ix-xtut tal-Mediterran, għalkemm jqarrbu lejn xulxin, dejjem ingħaddu bħala ġnus maqtugħa għalihom, hekk ukoll aħna l-Maltin, li qed ngħammru fi ġżejjer maqtugħa mill-art ewliena, għandna ngħoddu lilna nfusna b'poplu mifrud minn oħrajn u li m'hu miġbud minn l-ebda poplu ieħor. F'Malta hemm POPLU MALTI, ĠENS MALTI u li jitkellem waħdu, imkabbar bid-drawwiet u ġrajjiet li m'huma xejn inqas minn ta' ġnus oħra ta' ma' dwarna għalkemm aħna iżgħar minnhom fil-għadd.

Bid-demm ta' missirijietna, u issa b'demmna, aħna ksibna kull jedd li nissejħu poplu li ma għandu x'jaqsam ma' ħadd. Bis-sakrifiċċji tagħna ma' tul il-ġrajja ta' pajjiżna, aħna wrejna li aħna poplu qawwi daqs dawk, u minn xi drabi aktar minn dawk, li huma ikbar minna.

Ġrajjietna issa aktar issoktat tikber għax id-demm Malti ma' tul dil-gwerra ġera bħall-xmara mat-toroq tal-bliet imġarrfa tagħna u qed isaqqi dawk il-ħereb li taħthom difen f'raqda dejmija ta' glorja u ta' paċi, l-iġsma ta' niesna li taw ħajjithom fuq il-midbagħ tas-sakrifiċċju mhux biss għall-ħelsien ta' pajjiżhom 'mma wkoll għar-rebħa ta' dak l-idijal li għalih qegħdin jissieltu l-Ġnus Imxierka.

* * *

Il-bliet ta' Malta jerġgħu jimbnew' ikbar, isbaħ u iżjed ġrajjin. It-toroq u l-imsieraħ jerġgħu jimtlew b'dak il-poplu



twajjeb, dejjem ferħan, jitmexxa 'l hawn u 'l hinn taħt is-sema lewn in-nir ta' Malta Rebbieħa. Dawk it-toroq u dawk l-imsieraħ jibqgħu wieqfa bħala egħliem tal-qalb qawwija ta' niesna; il-barrani li għad igħaddi minnhom jaħtieġlu ieqaf b'rasu baxxa bħala tislima ta' qima għal dawk li ħallew ħajjithom mingħajr dgemgim u mingħajr biża'. Nies oħra, nies ġodda maħruġa mill-qawwa u mill-ħerba ta' dit-taqbida kbira għad jerġgħu jieħdu f'idejhom ir-riedni ta' pajjiżna u hija rieda tal-poplu tagħna, li jkun ħareġ minn dak l-infern ta' nar, ta' ħerba u ta' mewt, li dawn il-mexxejja ġodda jarmu wara kitfejhom il-blugħat ta' l-imgħoddi u igħadduna minn mogħdijiet ġodda, imdawla, ta' Xbieha Maltija.

Bliet ġodda, nies ġodda, fehmiet ġodda; dan għandu jgħaddi minn pajjiżna hekk kif tispiċċa dit-traġedja sabiex b'hekk, fuq il-ħerba li ssoktaw ikabbru l-ġrajja ġa kbira tagħna, timbena MALTA MALTIJA, jimbena Stât ħieles minn dik it-taħwida ta' fehmiet mifluġa, fehmiet li kienu jaqblu għall-pulitka ta' klikek fuqana u mhux għan-nazzjon: in-NAZZJON MALTIJA.

Kajr, 1-1-44.

**Fredu NICHOLAS**

## A. Ġ. SAID

**Editur ta' IL-QARI MALTI ta' PORT SAJD.**
**Membru Onorarju tal-Ghaqda tal-Kittieba tal-Malti.**

Fit-18 ta' Jannar 1944 is-sur Ant. Ġ. Said għalaq il-Ħamsin sena. Ħamsin sena li-biċċa kbira minnhom għaddiehom f'ħidma bla serħan għall-ġid ta' l-ilsien Malti u għall-ġieħ ta' gżiritna. Xhieda ta' dan hi, r-rivista *Il-Qari Malti* li joħroġ kull xahar f'Port Sajd kif ukoll, is-sehem li hu jieħu f'kull xejra patrijottika. Dan l-aħħar qed jitħabat bla heda fit-tmexxija tal-Għaqda tal-Maltin tad-Dinja Kollha, IL-QAWMIEN MALTI li tagħha hu President u Editur. Nixtiequlu għomor twil sabiex jissokta fix-xogħol tiegħu ta' fejda għal pajjiżna.